# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Appell Nru: 25/2015

**Il-Pulizja**

**(Spettur R. Said Sarreo)**

**Vs**

**Fits Ahmed Tarek Migrief**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Fits Ahmed Tarek Migrief detentur tad-dokument mahrug mic-Centru tal-Imigrazzjoni nru 85801, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. F'xi hin matul il-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Dicembru 2013, gewwa Dawret ix-Xatt, Xghajra, ikkommetta serq ta' passaport Malti minn gewwa vettura tat-tip Mitsubishi bin-numru tar-registrazzjoni IBI-184, ghad-detriment ta' Matthew Meli u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan bi ksur ta' l-artikolu 261, 263, 270 u 271 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

2. U aktar talli fl-20 ta' Dicembru 2013, gewwa dawn il-gzejjer, ircieva passaport li gie trasferit lilu minn persuna ohra, liema passaport jghajjat lil certu Matthew Meli bin-numru 823091 u dan bi ksur ta' l-artikoli 3 (b) tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta

3. U aktar talli fl-20 ta' Dicembru 2013 gewwa dawn il-gzejjer, xjentament xtara jew laqa' ghandu oggett misruq u cioe passaport Malti li jghajjat lil Matthew Meli, mehud b'qerq jew akkwistat b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghu jew imexxih, liema oggett gej minn serq ikkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa u dan bi ksur ta' l-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

4. U aktar talli matul il-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Dicembru 2013, gewwa Dawret ix-Xatt, Xghajra, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamel hsara f'vettura bin-numru IBI-184 ta' ghamla Mitsubishi, liema hsarat huma ta' aktar minn 116.47 Euros izda anqas minn 1164.69 Euros ghad-dannu ta' Matthew Meli u/jew persuna/i ohra u dan bi ksur ta' l-artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

5. U aktar talli f'xi hin matul il-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Dicembru 2013, gewwa Triq Ras il-Gebel, Xghajra, ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn gewwa vettura tat-tip Fiat bin-numru tar-registrazzjoni GAM-375 ghad-detriment ta' Antonio Coniglio u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jaqbez il-232.94 Euro izda mhux aktar minn 2329.40 Euro, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan bi ksur ta' l-artikolu 261, 263, 267, 270 u 271 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

6. U aktar talli matul il-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Dicembru 2013, gewwa Triq Ras il-Gebel, Xghajra, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamel hsara f'vettura bin-numru GAM-375 ta' ghamla Fiat, liema hsarat huma ta' aktar minn 116.47 Euros izda anqas minn 1164.69 Euros ghad-dannu ta' Antonio Coniglio u/jew persuna/i ohra, u dan bi ksur ta' l-artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

7. U aktar talli f'xi hin matul il-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Dicembru 2013, gewwa Dawret ix-Xatt, Xghajra, ikkommetta serq ta' diversi

oggetti minn gewwa vettura tat-tip Ford bin-numru tar-registrazzjoni LCF-668 ghad-detriment ta' Angelica Busuttil u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jaqbez il-232.94 Euro izda mhux aktar minn 2329.40 Euro, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan bi ksur ta' l-artikolu 261, 263, 267, 270 u 271 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

8. U aktar talli matul il-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Dicembru 2013, gewwa Dawret ix-Xatt, Xghajra, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamel hsara f'vettura bin-numru LCF-668 ta' ghamla Ford, liema hsarat huma ta' aktar minn 116.47 Euros izda anqas minn 1164.69 Euros ghad-dannu ta' Angelica Busuttil u/jew persuna/i ohra, u dan bi ksur ta' l-artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

9. U aktar talli f'xi hin matul il-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Dicembru 2013, gewwa Triq il-Fortizza tal-Grazzja, Xghajra, ikkommetta serq ta' mazz cwievet minn gewwa vettura tat-tip Suzuki bin-numru tar-registrazzjoni GMS-025 ghad-detriment ta' Clinton Pintley u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan bi ksur ta' l-artikolu 261, 263, 270 u 271 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

10. U aktar talli matul il-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Dicembru 2013, gewwa Triq il-Fortizza tal-Grazzja, Xghajra, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamilt hsara f'vettura bin-numru GMS-025 ta' ghamla Suzuki, liema hsarat huma ta' aktar minn 116.47 Euros izda anqas minn 1164.69 Euros ghad-dannu ta' Clinton Pintley u/jew persuna/i ohra, u dan bi ksur ta' l-artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

11. U aktar talli matul il-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Dicembru 2013, gewwa Triq il-Fortizza tal-Grazzja, Xghajra, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamilt hsara f'vettura bin-numru PIN-910 ta' ghamla Suzuki,

liema hsarat huma ta' aktar minn 116.47 Euros izda anqas minn 1164.69 Euros ghad-dannu ta' Antonella Pintley u/jew persuna/i ohra, u dan bi ksur ta' l-artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

12. U aktar talli nhar il-21 ta' Dicembru 2013, ghal habta ta' l-4:30am gewwa Triq il-Kapuccini, Zabbar ttantaj jisraq minn gewwa vettura bin-numru tar-registrazzjoni IBN-237, ghad-detriment ta' Mark Zammit u/ jew persuni ohra, liema reat huwa aggravat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa izda liema reat ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, u dan bi ksur ta' l-artikolu 41(1)(a), 261, 263, 270 u 271 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

13. U aktar talli nhar il-21 ta' Dicembru 2013, ghal habta ta' l-4:30am gewwa Triq il-Kapuccini, Zabbar, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamilt hsara f'vettura bin-numru IBN-237 ta' ghamla Daewoo, liema hsarat huma ta' aktar minn 116.47 Euros izda anqas minn 1164.69 Euros ghad-dannu ta' Mark Zammit u/jew persuna/I ohra, u dan bi ksur ta' l-artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

14. U aktar talli nhar il-21 ta' Dicembru 2013, ghal habta ta' l-4:30am gewwa Triq il-Kapuccini, Zabbar, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamel hsara f'vettura bin-numru DAF-295 ta' ghamla Mitsubishi, liema hsarat huma ta' aktar minn 116.47 Euros u anqas minn 1164.69 Euros ghad-dannu ta' Carmel Buhagiar u/jew persuna/i ohra, u dan bi ksur ta' l-artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

15. U finalment talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer, irrendat ruhu recidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie misjub hati b'sentenza mghotija mill-

Qrati ta' Malta liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta. Intalbet ukoll li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412 (C) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa u sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni indikati;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-27 ta' Jannar, 2015, li biha wara li sabet lill-appellant, allura imputat, hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih ikkundannatu għall-perjodu ta' sitta u tletin (36) xahar priġunerija u qieghdet lill-appellant taħt ordni ta' trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali skont it-termini imsemmija fid-digriet anness mas-sentenza, liema ordni qiegħed isir għal perjodu ta' erbgħa u għoxrin (24) xahar u rrakkomandat lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jipprovdi dik l-assistenza kollha meħtiega lil ħati sabiex l-ordni ta' trattament tkun tista tkun segwita u imwettqa mill-istess ħati b'success. Inoltre, l-Qorti rrakkomandat lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jawtorizza lill-ħati li jibda u jkompli Programm Residenzjali għal Rijabilitazzjoni kontra d-Droga fi ħdan l-istituzzjonijiet addetti mal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin – nonche li jingħata għajnuna meħtiega sabiex fiz-żmien li sejjer ikun fil-Faċilita Korrettiva ta' Kordin jkun mgħejjun ukoll jegħleb il-vizzju tal-abbuż mill-alkoħol.

Finalment kkundannat lill-appellant ihallas l-ispejjeż peritali kollha riżultanti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Ftis Ahmed Tarek Migrief, prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-3 ta' Frar, 2015, li permezz tieghu talab lill-din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi ghalkemm izzomm ferm il-htija tieghu tbiddel u tirrevoka l-piena karcerarja inflitta fuqu ghal ohra;

Semghet ix-xhieda;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant;

Rat l-atti kollha tal-kaz;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan l-appell huwa limitat ghal-piena erogata mill-ewwel Qorti wara li l-appellant kien misjub hati fuq ammissjoni inkondizzjonata tieghu. Ezaminata t-talba tal-appellant, opportunement jkun mfakkar illi l-artikolu 419 subinciz (1) subinciz (z) tal-Kodici Kriminali b'mod car u semplici jipprevedi dak li ghandu jitlob appellant meta jinterponi appell quddiem din il-Qorti. Wara li l-appellant jghid x'kienu l-fatti fil-qosor u jaghti r-ragunijiet tal-appell huwa ghandu semplicement jitlob t-tahsir jew it-tibdil tas-sentenza tal-Qorti. Dan qed ikun senjalat ghaliex fil-kaz odjern l-appellant talab iz-zewg rimedji fl-istess waqt meta lanqas ma seta jaghmel t-talba b'mod alternattiva la darba kien hemm ammissjoni tal-fatti imputati. Huwa talab lil din il-Qorti "thassar u tirrevoka s-sentenza ... billi ghalkemm izzomm ferm l-htija tibdel u tirrevoka l-piena karcerarja nflitta fuqu ghal-ohra". Il-kjarezza fit-talba hija parti indispensabbli mill-appell u tista' taghti lok ghal-eccezzjoni ta' nullita' kif bosta drabi sar bil-konsegwenzi kollha li jsegwu. Fil-kaz odjern, din il-Qorti tifhem illi l-appellant qieghed jitlob varjazzjoni fil-piena erogata mill-ewwel Qorti;

2. Issa, minn ezami tal-atti jemergi illi l-appellant kien irregistra ammissjoni wara bosta seduti li fihom instemghu diversi xhieda u esperti dwar il-fatti serji dedotti kontra l-appellant. Minkejja dik l-ammissjoni, l-ewwel Qorti ma ghaddietx ghal-prolazzjoni tas-sentenza

minnufih ghaliex innutat illi l-appellant kien afflitt minn problema serja ta' konsum ta' stupefacenti u alkohol u ghalhekk ordnat hi stess li jsir rapport minn ufficcjal tal-probation sabiex tara jekk kienxjikwalifika ghal-xoghol fil-komunita'. Ir-rapport kien wiehed negattiv u minkejja dan, l-istess Qorti semghet ix-xhieda ta' ufficcjali mill-Facilita' Korettiva ta' Kordin sabiex jkun mistharreg l-opportunitajiet miftuha ghall-appellant biex jirrabilita ruhu waqt li jkun inkarcerat;

3. Mix-xhieda mismugha, irrizulta illi minkejja l-opportunitajiet kollha, l-appellant qatt ma avvicina lill-awtoritajiet tal-habs biex jirregistra ruhu f'xi wiehed mill-programmi ghad-disposizzjoni tieghu. Quddiem l-ewwel Qorti, l-Ufficcjal tal-Probation, rraportat illi wara l-istharrig li ghamlet, kellha tikkonkludi illi l-appellant ma huwiex kandidat idoneju sabiex iwettaq ordni ta' servizz fil-komunita'. L-appellant, almenu dak iz-zmien, kien jaghmel uzu minn sustanza illecita u kellu problema kbira ta' xorb;

4. Wara li l-ewwel Qorti kellha indikazzjoni cara illi l-appellant ma kienx jikwalifika ghal-servizz fil-komunita', wara li sentenza sospiza ma kienitx aktar possibbli peress illi l-appellant ammetta ghall-addebitu tar-recidiva, hija xorta wahda, b'kuxjenza, ezaminat kull possibilita' miftuha lill-appellant sabiex jaghmel uzu mill-opportunitajiet kollha sabiex jirrabilita ruhu mill-vizzji li qed iwassluh fuq il-ghatba tal-Qrati. Il-fatt illi l-awtoritajiet tal-habs ma kienux ghadhom qed ihaddmu kif jixtiequ l-provvedimenti tal-Kapitolu 516, l-Att Dwar il-Gustizzja Riparatrici, u dan minhabba ragunijiet amministrattivi jew logistici, kif irrizulta ukoll lil din il-Qorti, xorta wahda irrizultaw diversi opportunitajiet fil-habs li sabiex jiskattaw jehtiegu biss r-rieda u volonta' tal-inkarcerat sew dak mizmum preventivament kif ukoll dak ikkundannat;

5. L-ewwel Qorti esprimiet thassib dwar x'ser jigri mill-appellant la darba jiskonta terminu ta' prigunerija tant li harget ordni ta' trattament fil-konfront tieghu wara li l-ufficcjali tal-habs stess urew li tali ordni tkun ta' ghajnuna ghalihom fid-direzzjoni tal-ahjar

trattament tal-appellant. L-operat tal-ewwel Qorti huwa wiehed lodevoli u jitlob biss akkoljiment minn din il-Qorti. L-piena erogata mill-ewwel Qorti, oltre li kienet fil-parametri tal-ligi, kienet sew fil-minimu possibbli u din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha b'xi mod tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-Qorti tal-ewwel grad;

6. Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud.